Kunsill Lokali Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

**MINUTI TAT- TNEJN U GĦOXRIN LAQGĦA TAS-SEBA' KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** L-Erbgħa, 24 ta' April 2013

**Ħin:** Mill-5.15pm sas-6.48pm

**Preżenti:**

It-Tabib John Zammit Montebello
It-Sur Joseph Mary Galea (skużat)
Is-Sur Guido Borg
Is-Sur Desmond Zammit Marmara
Is-Sur Stephen Gatt

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill email li ġġib d-data tal-24 ta' April 2013 mingħand il-Viċi Sindku fejn informa lill-Kunsill illi huwa ma jistax jattendi għal-laqgħa (mehmuż) minħabba raġunijiet familjari.

1. <u>**Approvazzjoni tal-Minuti tal-Għoxrin laqgħa tas-Seba' Kunsill.**</u>

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tal-Għoxrin laqgħa ta' nhar l-Erbgħa, 3 ta' April 2013. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Is-Sindku saqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsillier is-Sur D. Zammit Marmara, li kien issekondat mill-Kunsillier is-Sur Stephen Gatt. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

2. <u>**Mill-Minuti**</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li nhar il-Ġimgħa 26 ta' April 2013 ser jiltaqa' ma' l-Avukat tal-Kunsill biex jingħata parir legali fuq il-kwistjoni taz-zuntier tal-knisja.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li qed isir infurzar min-naħa tal-Green Wardens fl-area ta' Wesgħa Profs. Aquilina ħdejn il-Bring In Sites.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li nhar il-Ġimgħa 26 ta' April 2013 ser issir laqgħa mal-Ministru tat-Trasport u l-Infrastruttura, l-Onorevoli is-Sur Joe Mizzi biex jiddiskuti l-ilmenti li għandu l-Kunsill.

**3. Korrispondenza**

Ittra mingħand il-Kummissjoni Żgħażagħ tal-Parroċċa fejn ser tiġi organizzata ġurnata ddedikata liż-żgħażagħ matul il-Ġimgħa tal-Festa nhar l-Erbgħa 10 ta' Lulju 2013. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni biex din l-attivita' tittella fil-Pjazza.

Il-Kunsill ħa konjuzjoni tal-ittri l-oħra li rċevejna u qabel li jkompli jsegwi l-interessi tal-Kunsill kif ikun meħtieġ.

**4. Rapport dwar l-Ilmenti**

Talba mingħand resident biex isir Slow Sign jew road hump fi Triq it-Tabib Zammit, ftit qabel ma toħroġ għal Triq il-Providenza. Il-Kunsill talab lis-Segretarju biex jikteb lill-Transport Malta għal permess.

Resident jiġbed l-attenzjoni li f'Wied Ħal Balzan kantuniera mal-Pasta Factory hemm bżonn li jitneħħa l-parking u jsir yellow line. Il-Kunsill ser jara li ssir yellow double line sa 5m mill-kantuniera skont kemm ittik l-liġi.

Talba minn resident li joqgħod 3, Alley 3 fi Triq il-Providenza biex f'din it-triq, isir *residents parking only*. Din it-talba ġiet miċħuda

Talba mingħand resident biex mal-ġenb tal-Caro Motors, f'Wied Ħal Balzan titwaħħal tabella "Please park cars facing building". Il-Kunsill qabel u talab lis-Segretarju biex japplika ma' Transport Malta.

**5. UIF-Street Lighting**

Is-Sindku fakkar lill-Kunsill li hekk kif ma kienitx ġiet approvata l-applikazzjoni tal-UIF qed jipproponi li jibda' proċess ieħor ta' applikazzjoni biex jiġu installati arbli tad-dawl tradizzjonali ġewwa l-*village core* ta' Ħal Balzan kif ukoll sistema ta' dawl effiċjenti u enerġija sostenibbli skont ir-rapport SEAP ( Sustainable Energy Action Plan).

Huwa semma li hemm s-somma ta' €85,000 allokati lill-Kunsill biex jitwettqu proġetti ta' tisbieħ u tkun ħaġa sabiħa li nżewqu l-village core b'dawn l-arbli tad-dawl. Huwa kellu diġa' laqgħa preliminari mal-Perit tal-Kunsill biex jiddiskuti dan il-proġett.

Il-Kunsill approva unanimament biex dan il-proġett iseħħ.

**6. Heritage Map – ERDF 205**

Is-Segretarju poġġa fuq il-mejda draft ta' kif ġiet iddisinjata l-*heritage map* li ser tibda titqassam lit-turisti meta' jżuru l-lokalita bħala parti mill-proġett "*Regenerating Balzan Square and Implementing a Tourist Heritage Trail"*

Saret diskussjoni bejn il-Kunsilliera u kollha qablu li kif inhi trid titranġa u talab lill-Project Manager is-Sur Mark Causon biex jimplementa ċerti tibdiliet

**7. EU Project (IEE)- Electric Vehicles**

Il-Kunsill irċieva invit mingħand Paragon Europe biex nieħdu sehem fi proġett tal-Kumunita' Ewropea EV-Expand dwar l-introduzzjoni ta' vetturi li jaħdmu bl-elettriku. Għalissa dan huwa proġett pilota u mhux ser ikun hemm spejjeż involuti.

Il-Kunsill qabel fil-prinċipju għax dan imur mar-ratifika tas-SEAP li tiegħu l-Kunsill jagħmel parti. Dan jista' jsir biss jekk ma jkunx hemm spejjeż involuti kif ukoll l-użu ta' riżorsi umani biex jitwettaq dan il-proġett.

**8. Komunikazzjoni tas-Sindku**

Is- Sindku ma kellu ebda komunikazzjoni x'jgħaddi.

**9. Approvazzjoni biex isir il-ħlas u ħlas ta' Petty cash**

Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tal-24 ta' April 2013 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 23063.25

L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mis-Sindku li kien issekondat mill-Kunsillier D. Zammit Marmara. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata minn żewġ kunsilliera biex juru li hija dokument korrett.

Is- Segretarju poġġa fuq il-mejda kwotazzjoni minn Camray Ltd biex isiru xi xogħolijiet madwar ix-xelter li jinsab fil-Pjazza bħala parti mill-Proġett ERDF 205. Il-Kunsill approva din il-kwotazzjoni.

**10. Suġġerimenti u Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Il-Kunsilliera Guido Borg u Desmond Zammit Marmara talbu lill-Kunsill biex tinkiteb ittra lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali rigward ix-xelter li nstab fil-Pjazza biex l-quddiem tiġi miftuħa għall-pubbliku. Kien hemm xi residenti li avviċinawhom biex dan isir. Il-Kunsillier Stephen Gatt qal li għandna naraw x'wieħed jirrikjedi biex dan isir wara li jkun tlesta' il-proġett ERDF 205. Il-Kunsill qabel li hekk kif jitlesta' l-proġett għandu jibda dan il-proċess.

Il-Kunsillier S. Gatt saqsa jekk għandux permess il-mobile kiosk li hemm sorġut quddiem l-Izmerċ Pub. It-tweġiba kienet fil-posittiv.

Il-Kunsillier D.Zammit Marmara talab lis-Segretarju biex mingħajr aktar dewmien jitlesta' l-*website* l-ġdid.

Il-Kunsillier D. Zammit Marmara nforma lill-Kunsill li kienet saret talba lilu biex tittella' l-attivita' Lejla Balzanija nhar l-14 ta' Ġunju 2013 b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali. Huwa kien qed jissuġerixxi li f'din l-attivita' ma jintefqux iżjed minn € 500 u ssir fi Triq Annunzjata bis-sehem tal-Għaqda Piroteknika San Gabriel. Pero' inqalgħu xi argumenti mill-Kazini tal-banda tal-lokal fejn la darba dawn mhumiex involuti f'din l-attivita' huma ma kienx ser ikollhom qliegħ. Huma qalu li l-uniku mod kif jistgħu jipparteċipaw u jagħmlu l-qliegħ hu permezz li issir t-tombla f'din l-attivita. Is- Sur Zammit Marmara kien tal-fehma li din l-attivita tingħata xejra kulturali u wasal f'ċertu tip ta' kompromess fuq dan.

Il-Kunsillier G.Borg kien tal-istess fehma li l-każini jieħdu sehem u l-qliegħ għalihom pero' diskorsi ma jsirux.

Is-Sindku fuq dak li ngħad u x'kien qed jiġi propost kellu ċerti riservi għax jidhirlu li waqajna f'sitwazzjoni li terzi persuni jiddettaw lill-Kunsill x'għandu jsir u kif isir pero' hu ma għandu l-ebda problema u mhux ser jagħmel l-ebda ostaklu biex din l-attivita issir kif xtaqu.Il-Kunsill approva din l-attivita'

Il-Kunsillier D. Zammit Marmara ressaq xi talbiet ta' xi residenti biex ikun hemm aktar dustbins madwar il-villaġġ kif ukoll titwaħħal electronic board ħdejn l-istage tal-Pjazza fejn jindika il-ħinijiet ta' l-Arriva. Il-Kunsill laqa' t-talba li jikteb lil Transport Malta fuq din l-electronic board.

Il-Kunsilliera li jiffurmaw parti mill-Bord ta’ Evalwazzjoni għall-Kuntratt tal-Perit urew x-xewqa li jkun hemm involut ukoll is-Sindku f’dan il-proċess. Għalhekk ġie deċiz li f’dan il-kumitat ikun hemm involut kulħadd.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar l-Erbgħa, 15 ta’ Mejju 2013 fil-5pm.

____________________ ____________________

**Dr. J. Zammit Montebello** **Mark Mallia**
Sindku Segretarju Eżekuttiv

____________________
Data